# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/869

**tas-27 ta' Mejju 2021**

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/638 fir-rigward tad-data ta' skadenza tagħha sabiex ittawwal il-miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni u t-tixrid tal-organiżmu ta' ħsara *Spodoptera frugiperda* (Smith) fit-territorju tal-Unjoni**

*(notifikata bid-dokument C(2021) 3576)*

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE ([1]), u b'mod partikolari l-punti (g) u (h) tal-Artikolu 28(1) u l-Artikolu 41(2) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/638 ([2]) tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid ġewwa l-Unjoni tal-organiżmu ta' ħsara *Spodoptera frugiperda* (Smith) ("il-pest speċifikat").

(2) Il-pest speċifikat huwa elenkat fil-Parti A tal-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 ([3]) bħala pest mhux magħruf li jseħħ fit-territorju tal-Unjoni. Huwa wkoll elenkat bħala pest ta' prijorità fl-Anness tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1702 ([4]).

(3) Mill-adozzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/638 'l hawn, il-pest speċifikat kompla jinfirex b'mod rapidu madwar id-dinja u lejn it-territorju tal-Unjoni, u kompla jaċċentwa l-ħtieġa għall-viġilanza u għall-miżuri speċifiċi għal stħarriġiet tat-territorju previsti f'dik id-Deċiżjoni.

(4) Barra minn hekk, l-għadd ta' interċettazzjonijiet tal-pest speċifikat fuq il-prodotti importati għadu għoli u l-ispeċijiet ta' pjanti li fuqhom jiġi interċettat il-pest speċifikat qed jinbidlu. Għalhekk, ir-riskji fitosanitarji tal-pest speċifikat jeħtieġu valutazzjoni ulterjuri.

(5) Konsegwentement, huwa importanti li l-miżuri previsti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/638 jiġu estiżi biex jiġi żgurat l-issuktar tal-protezzjoni tat-territorju tal-Unjoni mill-introduzzjoni u t-tixrid tal-pest speċifikat.

(6) Għalhekk, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/638 tiġi estiża sat-30 ta' Ġunju 2023, sabiex tkun tista' tiġi eżaminata mill-ġdid qabel dak iż-żmien.

(7) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/638 tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

([1]) ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4.

([2]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/638 tat-23 ta' April 2018 li tistabbilixxi miżuri ta' emerġenza li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid ġewwa l-Unjoni tal-organiżmu ta' ħsara *Spodoptera frugiperda* (Smith) (ĠU L 105, 25.4.2018, p. 31).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1).

([4]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/1702 tal-1 ta' Awwissu 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi l-lista ta' pesti ta' prijorità (ĠU L 260, 11.10.2019, p. 8).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 8 tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/638 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"*Artikolu 8*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sat-30 ta' Ġunju 2023.".

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Lulju 2021.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Mejju 2021.

*Għall-Kummissjoni*
Stella KYRIAKIDES
*Membru tal-Kummissjoni*